MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 446/1999/1

**Roger Mifsud u Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Henry Fenech Azzopardi u l-Avukat Dottor Roger Degiorgio**

**Il-Qorti,**

## PRELIMINARI

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz tieghu l-atturi ippremettew illi l-konvenut l-Avukat Dottor Roger Degiorgio huwa responsabbli ghall-istazzjon televiziv NET Television u specifikament ghax-xandira tal-programm

“Protagonisti” fuq l-istess stazzjon nhar il-Gimgha, 12 ta’ Frar, 1999 ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija ‘l quddiem;

U premess illi waqt l-istess programm ghamel intervent il-konvenut Henry Fenech Azzopardi (Dokumenti “A” u “B”);

U premess illi dan l-intervent jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta’ l-ewwel attur fis-sens ta’ l-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu, bhala agent editur tal-gazzetta “The Times” fit-tnax (12) ta’ Frar, 1999, huwa responsabbli ghal dak li gie stampat u ppublikat fl-ewwel pagna ta’ l-istess gazzetta “The Times” fit-tnax (12) ta’ Frar, 1999 (Dokument “C”) u li ghalih, il-konvenut Henry Fenech Azzopardi ghamel riferiment fil-fuq imsemmi intervent waqt l-istess imsemmi programm televiziv;

U premess illi l-istess intervent jikkostitwixxi ukoll ingurja ta’ isem u malafama ta’ negozju tas-socjeta’ attrici ai termini ta’ l-artikolu 29 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu din is-socjeta’ hija kemm il-“publisher” kif ukoll il-proprjetarja tal-gazzetta “The Times”;

U premess illi ghalhekk, l-attur Roger Mifsud ghandu d-dritt jadixxi lil din il-Qorti ghall-ghotja lilu mill-konvenuti in solidum jew mod iehor jew minn minnhom tas-somma likwidata skond l-imsemmi artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U premess illi wkoll is-socjeta’ attrici ghandha id-dritt tadixxi lil din il-Qorti ghall-ghotja lilha mill-konvenuti in solidum jew mod iehor jew minn minnhom tas-somma likwidata skopnd l-artikolu 29 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Avukat Dottor Roger Degiorgio huwa responsabbli ghall-istazzjon televiziv NET Television u specifikament ghax-xandira tal-programm “Protagonisti” fuq l-istess stazzjon nhar il-Gimgha, 12 ta’ Frar, 1999 ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija ‘l quddiem;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intervent tal-konvenut Henry Fenech Azzopardi waqt l-imsemmi programm jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta’ l-ewwel attur fis-sens ta’ l-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti in solidum jew mod iehor jew minn minnhom huma/huwa responsabbli ghall-imsemmija malafama fil-konfront ta’ l-attur Roger Mifsud;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti in solidum jew mod iehor jew minn minnhom huma/huwa responsabbli ghall-imsemmija ingurja ta’ l-isem u malafama ta’ negozju fil-konfront tas-socjeta’ attrici;

5. Tillikwida s-somma dovuta lill-attur Roger Mifsud minhabba din il-malafama skond l-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Tillikwida s-somma dovuta lis-socjeta’ attrici minhabba din l-ingurja ta’ l-isem u malafama ta’ negozju skond l-artikolu 29 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum jew mod iehor jew minn minnhom ihallsu/ihallas lill-attur Roger Mifsud is-somma hekk likwidata taht l-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

8. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum jew mod iehor jew minn minnhom ihallsu/ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma hekk likwidata taht l-artikolu 29 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti u b’rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi minhabba telf jew hsara attwali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol 3;

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Henry Fenech Azzopardi a fol 12** fejn eccepixxa:

1. Illi fl-intervent tieghu fuq NET Television imsemmi fic-citazzjoni hu ma ikkommetta ebda ngurja izda ikkummenta biss fuq fatti li jigu pruvati.

2. Illi skond il-Gurisprudenza, biex wiehed jinvoka l-ligi u jitlob hlas ta' danni f'kawza civili, kull eventwali nuqqas irid ikun ta' certa gravita.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Roger De Giorgio a fol. 20** fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament illi l-eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur billi kif citat, mhux azzjonabbli skond l-Art. 23 tal-Kap. 248.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi d-diskors imxandar mhux libelluz billi jikkostitwixxi 'fair comment' dwar fatti sostanzjalment veri.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 49;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

Din hija kawza ta' libell fejn l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddeciedi li l-intervent tal-konvenut Henry Fenech Azzopardi waqt il-programm "Protagonisti" fuq in-Net Television fit-tnax (12) ta' Frar, 1999 jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-atturi fis-sens ta' l-artikolu 28(1) u 29 tal-Kap 248.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed joggezzjonaw ghall-kumment li sar fuq il-programm mill-konvenut Fenech Azzopardi , parikolarment fejn irrefera ghall malizzjozita' ta' l-istaff editorjali tat-Times billi dana qed iwegghu l-prodott taghhom u qed jeffettwa l-kredibilita tal-prodott gurnalistiku taghhom u l-interess ekonomici tal-kumpanija. Il-kliem li ntuza minn Fenech Azzopardi fuq il-programm, bhal qerq u ingann, huma ngurjuzi billi jimputaw malizzjozita' fil-gazzetta u fl-impjegati tal-kumpanija, li allegatament qed jghaddu informazzjoni lill barranin b'mod li huma qed iwegghu l-interess nazzjonali.

L-atturi spjegaw li kienet ir-*reporter* taghhom Sharon Spiteri li investigat u rapportat dan il-kaz. Il-Pulizija kienet harget *Press Release* Dok RM 4 fol. 71 u Spiteri bbazat ir-rapport taghha fuqu. Sharon Spiteri ikkonfermat li hi kienet kitbet ir-rapport u li s-sors ta' l-informazzjoni taghha kien gej direttament mill-pulizija li kienu hargu stqarrija ghall istampa. Il-Pulizija kienu kkonfermaw l-ahbar fuq it-telefon (ara xhieda f'dan is-sens tas-Supt.C. Magro a fol. 78).

Dina l-istqarrija tal-pulizija kienet tghid hekk:

"Illum wara il-wasla ta' l-Air Malta Flight minn Tunis, instabu zewg bagalji mitluqa fit-toilet tal-Arrivals. Dawn il-bagalji instabu minn ufficjali tad-dwana u li fihom kien hemm **kwantita' ta' ghasafar.** Issejhu fuq il-post il-Pulizija tal-Administrative Law Enforcement immexxija mill-Ispettur Patrick Spiteri fejn waqt li dawn l-investigazzjonijiet irrizulta li dawn il-bagalji kienu ta' zewg Maltin. Iz-zewg irgiel huma, wiehed mir-Rabat u l-iehor mill-Mosta. Dawn mistennija jittressqu quddiem il-Qorti fi zmien qasir".

Il-Konvenut Henry Fenech Azzopardi xehed li hu ghandu agenzjia ta' l-ivvajggar u jtella nies l-Egittu ghall kacca. Meta dak in nhar qara r-rapport tat-Times (ara fol. 7) hu hassu ingannat ghax ir-rapport kien skorrett. L-ewwel reazzjoni tieghu meta qara r-rapport kienet li grupp tieghu

kien ghamilha. Meta vverifika l-fatti pero' sab li kien gie mqarraq, ghax ma kienux nies tal-grupp tieghu.

Fit-Times kien tnizzel hekk: ( ara fol. 7) :

"*Two Maltese men were arrested yesterday after police started investigating the origin of two pieces of luggage containing* ***dead birds*** *abandoned at the airport. …. Initial reports said some* ***400 carcasses*** *were found in the suitcases…..*"

Il-konvenut jghid li t-Times riedet tqarraq b'dan ir-rapport. Hu ghalhekk kien cempell lil Alfred Baldaccino mid-Departiment ta' l-Ambjent u dan kien qallu li ghasafar kienu biss ghasafar ta' l-ghana. Il-konvenut xtara l-gazzetti l-ohra u sab li dawn qablu li n-nies kienu gew minn Tunis u kienu gabu maghhom ghasafar tal-ghana u mhux karkassi. Dawn ir-rapporti tal-gazzetti l-ohra kienu ikkonfermawlu dak li kien qallu Baldacchino. Meta cempel lit-Times biex jitlobhom jaghmlu korrezzjoni, dawn wiegbuh b'mod arroganti. Hu riedhom isemmu li dawk li nstabu kienu biss ghasafar tal-ghana u mhux karkassi u li fil-maggor parti kienu hajjin u m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kacca. Izda ma ghamlu xejn. Dak in-nhar jew l-ghada hu kien ha sehem fil-programm ta' Joe Grima u espona lit-Times ghar-rapport inkorrett li kienet gabet. Hu kien qal li fir-rapport tal-gurnali l-ohra, dawn irreferew ghal *song birds* u li kien hemm xi ftit minnhom mejtin u mhux karkazzi kif irrapportat it-Times.

Skond it-traskrizzjoni tat-*tape* ta' dak li intqal mill-konvenut fil-programm hemm li hu qal dan id-diskors:

"Min ra l-gazzetti dal-ghodu kien jinduna **b'qerq** li harget biha t-Times fejn waqt li l-Independent tghidlek "*Song birds confiscated at the airport*", (ara fol. 13) in-Nazzjon tghidlek 400 verdun, griedel u gojjini, (fol. 15); l-Orizzjont tghidlek gojjini u ghasafar hajjin u ftit mejtin (fol 14), tohroglok it-Times… tghid "*Two to be arrainged over dead birds find*" u jerga jghidlek 400 "*carcasses*". **Din hija ingann**… Din hija informazzjoni hazina li qed jiffidjaw il-barrani. ….Dan hu kollu **malizija** ghax il-bniedem li hemm

it-Times …. Hareg ktieb … ma nafx ghandux x'jaqsam maghha …"

**Tikkunsidra**

Illi l-atturi qed joggezzjonaw ghal kliem fuq rappurtat fejn qed jigi imputat mill konvenut Fenech Azzopardi li huma aggixxew b'malizzja, ingann u b'qerq u li l-artikolu inkiteb biex jaghmel hsara lill-konvenut u d-ditta tieghu.

Illi l-prova li l-atturi agixxew b'malizzja u qerq, irid jaghmilha l-konvenut li qed jallegaha. Dina l-malizzja "is to be inferred from the grossness and falsity of the assertions". (Peter Carey, Media Law pagna 63). " *If a newspaper publishes a correct report, but not bona fide, for the purpose of injuring a person, and thus with malice, the publisher is liable*". {Hutchinson vs Robinson (1900).}

"*The plaintiff will succeed in proving the existence of express malice if he can show that defendant was not using the occasion honestly for the purpose for which the law gives protection, but was actuated by some indirect motive not connected with the privilege*" {Hoare vs Jessop (1965)}.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li r-rapport li deher fit-Times hu rapport bazat fuq stqarrija ghal istampa li harget mill-Pulizija. Sostanzjalment l-ahbar li rrappurtat it-Times hija l-istess bhal dika li hemm fl-istqarrija cjoe li inqabdu kwantita' ta' ghasafar. Li ma jissemmiex fir-rapport tat-Times huwa li l-persuni kienu gejjin minn Tunis, u tissemma il-kelma *carcasses* meta fil-fatt dawn kienu ghasafar tal-ghana. Minn dawn l-ghasafar instab li kien hemm numru minnhom mejta.

Il-konvenut interpreta dana r-rapport bhala wiehed li sar b'intenzjoni qarrieqa u malizzjuza biex jitfa' dell ikrah fuq il-kljenti tieghu li jmorru ghall kacca l-Egittu ghax skond hu l-uzu tal-kelma *carcasses* intuzat proprju biex tindika li l-ghasafar li nstabu kienu kollha mejtin mentri fil-fatt ma kienx hekk.

Il-konvenut ighid li kien hemm malizzja u dan jidher mill-kliem li uza fuq it-Televizjoni fejn qal "Dan hu kollu malizija ghax il-bniedem li hemm it-Times …. Hareg ktieb … ma nafx ghandux x'jaqsam maghha …" u hawn gie mwaqqaf mill-prezentatur tal-programm. Il-konvenut kien qed jirreferi hawnhekk ghall Natalino Fenech li kien kiteb dwar il-kacca. Izda jirrizulta mill-provi prodotti li r-rapport inkriminat fil-fatt inkiteb minn Sharon Spiteri u mhux Natalino Fenech li ma kellu x'jaqsam ma' dana r-rapport, ghalkemm sussegwentement kiteb rapport iehor granet wara fl-istess gurnal.

Mill-provi li ezaminat, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-kliem li intuza mill-konvenut hu malafamanti u ingurjuz. Il-konvenut ma rnexxilux jipprova dak li allega cjoe li fil-kitba taghhom l-atturi imxew b'malizzja u qerq biex jingannaw. Ir-rapport mhux bil-fors ghandu jigi interpretat kif qed ighid il-konvenut ghax intuzat il-kelma carcasses. M'hemmx prova li l-atturi riedu jirriferu ghal konvenut jew ghad-ditta tieghu jew li l-atturi riedu bir-rapport taghhom jaghmlu hsara lid-ditta tal-konvenut. Jirrizulta li r-rapport sostanzjalment hu fidil ghal *press release* tal-pulizija.

**Il-konvenut Degiorgio**

Kwantu ghal-konvenut Roger Degiorgio, l-ewwel eccezzjoni tieghu diga giet michuda bis-sentenza preliminari fuq riferita.

Fit-tieni eccezzjoni hu ighid li illi d-diskors imxandar mhux libelluz billi jikkostitwixxi 'fair comment' dwar fatti sostanzjalment veri. Izda kif diga ddecidiet il-Qorti jirrizulta li d-diskors li ntqal mill-konvenut Fenech Azzopardi huwa libelluz. Hu mhux *fair comment* imma allegazzjoni ta' fatt. Ma jistax jigi tollerat illi taht l-apparenza tal-*fair comment* il-kumment isir semplici invettiva jew abbuz (VOL XL111 p4 p 885).

Il-konvenut Degiorgio spjega wkoll fit-trattazzjoni li l-programm li fih deher il-konvenut l-iehor Fenech Azzopardi kien "*live*" u ma tintuzax id-"*delay system*" billi dak iz-zmien ma kienitx tezisti fuq TV. Ghalhekk hu ma

setghax jikkontrolla ghal kollox dak li kien qed jghid Fenech Azzopardi. Illi dwar dana l-punt il-konvenut Degiorgio jidher li ghandu raguni valida izda teknikament jibqa' responsabbli pero' dana ghandu jigi rifless fl-ghoti tad-danni.

**Danni**

Kwantu ghad danni li l-atturi qed jitolbu taht l-artikolu 29 tal-Kap 248 il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz l-atturi ma gabux prova dwar it-telf allegat minnhom. Kwantu ghal danni mitluba taht l-artikolu 28 il-Qorti hija tal-fehma ukoll li fic-cirkostanzi l-offiza kontra l-atturi ma kienitx ta' gravita' rilevanti u dina ser tigi riflessa fl'ghoti tad-danni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-seba' talba ta' l-atturi u
tikkundanna lill konvenut Fenech Azzopardi ihallas lill atturi s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500)
u lill konvenut Degiorgio s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100)
u tillibera lill-konvenuti mit-talbiet rimanenti;
Spejjez kwantu ghall kwart ghall atturi u tlett kwarti ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------